**SECONDARY SCHOOL ANNUAL EXAMINATIONS 2002**

Educational Assessment Unit - Education Division

| FORM 4 | STUDJI SOĊJALI | TIME: 1hr 30mins |
|---|---|---|

Isem: ______________________________ Klassi: _____________

**A. Nużaw il-kelma "soċjali" biex nifhmu l-għaqda li hemm bejnietna. Ngħixu flimkien u naħsbu f'xulxin billi nibnu relazzjonijiet bejnietna u niddependu fuq xulxin.**

**<u>IMLA L-VOJT b'dawn id-definizzjonijiet soċjali:</u>**

| | | |
|---|---|---|
| In-normi soċjali | għaqdiet soċjali | problemi soċjali |
| konflitti soċjali | l-ugwaljanza soċjali | il-kontroll soċjali |
| l-Istudji Soċjali | Il-valuri soċjali | il-benefiċċji soċjali |
| klassijiet soċjali | | |

1. Il-mara tgawdi mill-istess drittijiet bħar-raġel għax f'pajjiżna hawn ___________________.
2. Il-morda, it-tfal u l-anzjani jirċievu ______________________ biex ikollhom għixien xieraq.
3. Id-drogi u l-kriminalita' huma żewġ ______________________ li għandhom bżonn l-għajnuna tagħna.
4. Is-soċjeta' hija magħmula minn ______________________ differenti li lkoll għandhom posthom fiha u jridu jgħixu flimkien.
5. Permezz ta' ______________________ nitgħallmu dwar is-soċjeta' li ngħixu fiha.
6. Is-soċjeta' żżomm ______________________ billi tagħmel il-liġijiet u tikkastiga lil dawk li jiksruhom.
7. ______________________ bħall-imħabba u r-rispett ta' bejnietna huma s-sisien li fuqhom irridu nibnu r-relazzjonijiet tagħna.
8. Issib ħafna ______________________ li għandhom membri fihom u twaqqfu biex jiġbru flimkien nies ta' l-istess fehma.
9. Xi kultant jistgħu jinqalgħu xi ______________________ bejnietna minħabba xi nuqqas ta' qbil, li rridu nsolvuhom għall-ġid tagħna lkoll.
10. ______________________ u d-drawwiet li writna mingħand missirijietna rridu nħarsuhom għax jgħaqqduna flimkien u jagħrfuna bħala poplu.

**(1x10=10 marki)**

**B. Il-benefiċċji soċjali nħallsu għalihom permezz tat-taxxi. Semmi ŻEWĠ benefiċċji soċjali li jirċievu**

1. l-anzjani ______________________ ______________________
2. it-tfal ______________________ ______________________
3. il-ħaddiema ______________________ ______________________
4. il-morda ______________________ ______________________
5. persuni bi bżonnijiet speċjali ______________________ ______________________

**(1x10=10 marki)**

**Ċ. Aqra u wieġeb.**

It-tibdiliet soċjali li seħħew f'dawn l-aħħar ħamsin sena huma ħafna u llum ngħixu ferm differenti minn dawk ta' qabilna. Fiha nfisha kull bidla ġġib magħha kemm vantaġġi kif ukoll żvantaġġi, jiġifieri problemi. Dan jiddependi minn kemm aħna nkunu ppreparati għall-bidla u naddattaw ruħna għaliha. Illum għandna t-televixin u mezzi ta' komunikazzjoni oħra, l-industrija tat-turiżmu u żieda qawwija fil-karozzi privati. Inbidel ukoll r-rwol tal-mara kemm fil-familja kif ukoll fis-soċjeta'. Dawn kollha ġabu bidliet kbar fil-mod kif inħarsu lejna nfusna u l-mod kif nibnu relazzjonijiet bejnietna. Iżda jibqa' l-fatt li valuri bħall-imħabba, għajnuna u ftehim ma jinbidlu qatt u jiddependi minna lkoll kemm inħarsuhom u napplikawhom f'ħajjitna.

1. Semmi żewġ tibdiliet li seħħew fis-soċjeta' Maltija f'dan l-aħħar żmien
   ______________________________ ______________________________ **(2)**
2. Xi ġġib magħha kull bidla?
   ____________________________________________________________ **(2)**
3. X'effetti jista' jkollha l-bidla soċjali?
   ____________________________________________________________ **(2)**
4. Għaliex jiddependi minna stess kemm taffettwana?
   ____________________________________________________________ **(2)**
5. Semmi vantaġġ u żvantaġġ tat-televixin:
   ______________________________ ______________________________ **(2)**
6. It-turiżmu jħaddem ħafna nies. Semmi erba' kategoriji:
   _____________ _____________ _____________ _____________ **(2)**
7. In-numru ta' karozzi fit-toroq sploda. Semmi żewġ problemi tat-traffiku:
   ______________________________ ______________________________ **(2)**
8. Semmi erba' mezzi ta' komunikazzjoni:
   _____________ _____________ _____________ _____________ **(2)**
9. Semmi żewġ valuri li fuqhom tinbena s-soċjeta':
   ______________________________ ______________________________ **(2)**
10. Għaliex il-valuri bażiċi tas-soċjeta' ma jinbidlu qatt?
    ______________________________ ______________________________ **(2)**

**(20 b'kollox)**

**D. Il-bniedem isir ilsir jekk jitlef il-kontroll fuqu nnifsu. Qassam f'żewġ listi dawn li ġejjin biex turi fejn hemm kontroll jew nuqqas ta' kontroll.**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Tagħlim | Suppervja | Liġijiet | Ftehim | Għajnuna | Drogi |
| Rispett | Diżgrazzji | Dizrispett | Ħsara | | |



| **Kontroll** | **Nuqqas ta' kontroll** |
|---|---|
| ______________ | ______________ |
| ______________ | ______________ |
| ______________ | ______________ |
| ______________ | ______________ |
| ______________ | ______________ |

**(1x10=10 marki)**

**E. Agħti tifsira ta' dawn is-sentenzi.**

1. Ir-rwol tal-mara fis-soċjeta' qed jinbidel. ________________________________________

________________________________________________________________________

2. Is-servizzi soċjali nħallsu għalihom aħna lkoll. ________________________________

________________________________________________________________________

3. Bin-nuqqas ta' dixxiplina tiżdied il-kriminalita'. ________________________________

________________________________________________________________________

4. Ir-reliġjon tagħna issaħħaħ il-valuri tal-ħajja. __________________________________

________________________________________________________________________

5. Il-mezzi ta' komunikazzjoni qed jgħinu fil-globalizzazzjoni. _________________________

________________________________________________________________________

**(2x5=10)**

**F. Kif jaħsbuha l-Maltin meta staqsewhom jekk għandniex nagħżlu ż-żibel tad-dar qabel narmuh, bejn laned, plastik, ħġieġ u affarijiet ta' l-ikel.**
**Imla bin-numri fil-kaxxi:**




1. Kemm jaqblu? ________
2. Kemm ma jaqblux? ________
3. Kemm ma weġbux? ________
4. F'kemm kategoriji ta' oġġetti jiġi separat? ________

Int taqbel jew ma taqbilx? Agħti raġuni ________________________________________

________________________________________________________________________

**(1x5=5)**

**G. Is-sena 2001 kienet magħżula mill-Ġnus Magħquda bħala s-Sena tal-Volontarjat, jiġifieri xogħol li jsir mingħajr ħlas. F'pajjiżna wkoll hawn ħafna għaqdiet li wħud minnhom huma volontarji waqt li oħrajn huma statali. Imla l-vojt b'dawn l-ismijiet ta' dawn l-għaqdiet.**

Sedqa Greenpeace Caritas Red Cross Din L-Art Ħelwa

1. Korsijiet tal-First Aid ____________________
2. aġenzija tal-knisja għall-problemi soċjali ____________________
3. ħarsien ta' l-ambjent storiku ____________________
4. aġenzija tal-gvern għall-problemi soċjali ____________________
**5.** ħarsien ta' l-ambjent naturali mad-dinja ____________________ **(5 marki)**

Xi wħud minn dawn l-għaqdiet jiddependu fuq xogħol volontarju tal-membri tagħhom. X'taħseb dwar dawn l-għaqdiet volontarji fis-soċjeta'?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**(5 marki)**

**H. Ikteb madwar 250 kelma fuq WIEĦED minn dawn:**

a. F'kull soċjeta' hemm bżonn l-għaqda, il-ftehim u l-komunikazzjoni ta' bejnietna. Spjega dawn it-tliet kelmiet u tkellem dwar l-importanza tagħhom fis-soċjeta'.

b. Is-soċjalizzazzjoni primarja noħduha fil-familja, u s-soċjalizzazzjoni sekondarja noħduha barra mid-dar. Permezz ta' eżempji fisser il-proċess ta' soċjalizzazzjoni primarja u soċjalizzazzjoni sekondarja.

c. L-ilsien, id-drawwiet u l-istorja huma lkoll parti mill-kultura tagħna ta' Maltin. Tkellem dwar dawn l-aspetti li jagħrfuna min-nazzjonijiet oħrajn.

d. Aħna għandna drittijiet xi ngawdu u dmirijiet x'naqdu bħala ċittadini u studenti. Semmi u spjega uħud minn dawn id-drittijiet u dmirijiet.

e. Fl-Afganistan in-nisa ma tħallewx jaħdmu u jitgħallmu; iridu joqogħdu bil-fors id-dar. X'opportunitatjiet tgawdi l-mara f'pajjiżna llum?

**(25 marka)**